MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2007

Numru. 490/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**KONTRA**

**RODERICK SCIBERRAS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Roderick Sciberras ta' 30 sena, bin George u Antonia nee' Buhagiar, imwieled Tal-Pieta' nhar it-28 ta' Awwissu, 1976, residenti fil-fond imsejjah Sunbeam, Flat 3, Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 444476M;

Akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, nhar it-2 ta' Mejju, 2007 jew f'xi perjodu qabel, minn Triq il-Mosta, f'San Pawl il-Bahar

ikkommetta serq ta’ cheque book tal-HSBC mahrug fuq kont bankarju numru 11079118001, bi hsara ta’ Marius u Melanie Calleja, u/jew HSBC Bank Malta plc;

2. U aktar talli f’dawn il-Gzejjer, fit-2 ta’ Mejju, 2007 jew b’xi perjodu qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

3. U aktar talli f’dawn il-Gzejjer, fit-2 ta’ Mejju, 2007 b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, xjentement ghamel uzu minn att, kitba, jew skrittura falza;

4. U aktar talli fis-Siggiewi, fit-2 ta’ Mejju, 2007 b’mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha, fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ hames mitt lira maltin (Lm500.00) ghad-dannu tas-socjeta’ J J Supermarkets Limited;

5. U fl-ahhar nett talli b’hekk sar recediv ai termini tal-Artikolu 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta’ Gunju, 2003 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat l-Artikoli 18, 183, 184, 284, 285, 308, 309, u 310(1)(b), u 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Roderick Sciberras hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, izda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt (3) snin, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
Barra minn hekk din il-Qorti tordna wkoll lill-istess imputat Roderick Sciberras ihallas is-somma ta' Lm500.00 (hames mitt lira maltin) lil Albert Borg fi zmien sitt (6) xhur, ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------